MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 318/2005

Kawza fil-lista: 29

**Pace & Pace Company Limited [C13152]**
**Vs**
**Integrated Business Systems Limited [C18440]**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat mis-socejta' attrici;

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata fit-18 ta' April 2005 ma pprezentatx nota ta' l-eccezzjonijiet fiz-zmien stiuplat mill-ligi;

Rat li fit-13 ta' Mejju 2005 is-socjeta' konvenuta pprezentat nota ta' l-eccezzjonijiet tardiva;

Rat ir-rikors prezentat mill-istess socjeta’ sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha;

Rat ir-risposta tas-socjeta’ attrici;

Ikkunsidrat;

Dan il-gudizzju huwa limitat ghat-talba tas-socjeta’ konvenuta sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha u sabiex din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet gja prezentati, ghalkemm tardivament.

Illi Timothy Camilleri, Direttur tas-socjeta’ konvenuta, spjega fid-depozizzjoni tieghu tat-30 ta’ Novembru 2005 illi meta huwa gie notifikat bl-att tac-citazzjoni fit-13 ta’ Mejju 2005 huwa inserixxa d-dokument fil-file relattiv, stante wkoll li ghandu pendenti kazijiet ohra, u sussegwentement kellu laqgha mal-Avukat tal-kumpanija li malli ra l-att tac-citazzjoni spjegali li kien iddekorra t-terminu ghall-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet. Konsegwentement giet prezentata nota ta’ l-eccezzjonijiet tardiva fit-13 ta’ Mejju 2005, ftit granet wara li skada t-terminu preskritt mill-ligi.

Fl-ewwel udjenza fil-25 ta’ Mejju 2005, dehret l-Avukat Dr.Claudine Zarb ghas-socjeta’ konvenuta, u wara li d-difensur tas-socjeta’ attrici rrileva li s-socjeta’ konvenuta kienet kontumaci, dina talbet sabiex tirregola ruhha. Di fatt fil-mori tad-differiment gie prezentat ir-rikors odjern.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti semghet lill-imsemmi Timothy Camilleri u, ghalkemm kienet tistenna li dana jaqra b’ aktar attenzjoni l-att gudizzjarju lilu notifikat, hija tal-fehma li dan kien zball genwin da parti ta’ l-istess, li ffilja d-dokument sabiex jurih lill-Avukat tal-kumpanija. Meta fil-fatt sar jaf li kien hemm terminu ghall-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet, jidher li ttiehdu passi immedjati u din saret qabel id-data ta’l-ewwel udjenza.

Illi in propositu huma applikabbli s-segwenti principji legali: “L-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu were <u>kontumelja u dispett</u>

ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut….. u hija din id-disubbidjenza animata psikologikament b’ dawk il-fatturi ta’ kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta’ disordni socjali.

Ghalhekk meta Qorti tigi kkonfrontata b’ kontumacja formali, u ma jkollhiex il-konvinzjoni certa u soda ta’ dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi ffurmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta’ sitwazzjoni fejn il-konenut ser jigi kkundannat fl-assenza ta’ difiza”. *[vide - App.S. Rev. Mikiel Degiovanni vs Doris Cossai [2000]Vol.LXXXIV.II.893; u kazistika hemm citata].*

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti, wara li semghet lix-xhud, hija konvinta li dan ma kienx kaz ta’ kontumelja jew li l-konvenut kien motivat b’ animu ta’ disprezz lejn l-Qorti. Di fatti meta huwa rceva l-att gudizzjarju poggih fil-file relattiv bl-iskop specifiku li jurih lill-Avukat tieghu u jikkonsulta mieghu. Ghalkemm il-fatt li x-xhud ma qarax akkuratament l-att gudizzjarju lilu notifikat juri nuqqas da parti tieghu, minn naha l-ohra l-fatt li huwa inserixxa l-att fil-file relattiv bl-iskop li jurih lill-Avukat tieghu sabiex dan jaghtih parir fuqu timmilita kontra t-tesi li dana were non kuranza, dispett u kontumelja ghas-sejha tal-Qorti. Il-fatt li t-terminu lahaq skada bi ftit granet m’ghandux ikollu dak l-effett drastiku li jippriva lis-socjeta’ konvenuta milli taghmel id-difiza taghha f’ dan il-kaz; *multo magis*, tenut kont tal-fatt li malli x-xhud sar jaf bit-terminu, huwa, tramite d-difensur tieghu, pprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti ggustifikaw il-kontumacja taghhom u li t-talba tas-socjeta’ konvenuta timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ konvenuta u tiddikjara li n-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mis-socjeta’ konvenuta hija proceduralment valida.

Spejjez a kariku tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------